San Pawl Il-Bahar

**Il- laqgħa Nru 46 tas-seba' Kunsill**
**saret nhar**
**l-Erbgħa 4 ta' Ġunju 2014 fil-5.30pm**
**fl-Uffiċċju Amministrattiv**
Triq San Pawl,San Pawl il-Baħar, SPB 3411 - Malta

**Preżenti għal-Laqgħa:**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Raymond Tabone | Sindku |
| 2 | Graziella Galea | Kunsilliera |
| 3 | Mandy Buhagiar | Kunsillera |
| 4 | Anne Fenech | Kunsilliera |
| 5 | Mario Buhagiar | Kunsillier |
| 6 | Oliver Mallia. | Kunsillier |
| 7 | Mario Salerno | Kunsillier |

**Skużat/a**

| | | |
|---|---|---|
| 8 | Alex Bezzina | Viċi Sindku |
| 9 | Peter Abela | Kunsillier |
| 10 | John Bray | Kunsillier |
| 11 | Jane Chircop | Kunsilliera |
| 12 | Robert Piscopo | Kunsillier |
| 13 | Daniel Grima | Kunsillier |

**Frans Chircop** Segr. Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

Qabel bdiet il-laqgħa tal-Kunsill ġew mistiedna jitkellmu is-Sur Alex Camilleri u Philip Attard għan-nom tas-Sur Jason Grima. Huma spjegaw li għandhom gabbana tal-Hot Dogs u jixtiequ jarmaw quddiem – faċċata tal-Aquarium Nazzjonali ġewwa l-Qawra. Huma qalu li billi ghandhom il-liċenzja ta' hawker – il-buffer zone li suppost ħadd ma' jarma fil-viċinanza tal-Aquarium ma' tapplikax għalihom u għaldaqstant talbu lill-Kunsill biex jingħataw permess f'dan ir-rigward. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li l-Kunsill huwa obligat li jħares l-agreement li hemm mall-MTA u għaldaqstant għandhom imorru għand id-dipartiment tal-lands biex jaraw x' jistgħu jagħmlu.

Il-laqgħa bdiet fis-5.55pm.
Is-Sindku Raymond Tabone rringrazzja lil kulħadd tal-attendenza u beda bl-ewwel items fuq l-aġenda.

**Approvazzjoni tal-minuti.**
Billi l-minuti tal-laqgħa precedenti ġew ċirkulati minn qabel, dawn ittieħdu bħala moqrija u korretti bl-aġġustamenti li ġibdet l-attenzjoni għalihom il-Kunsilliera Graziella Galea u l-Kunsilliera Anne Fenech. Dawn ġew approvati unanimament.

---

**Flus dovuti lil Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar.**
Il-Kunsillier Mario Salerno staqsa jekk il-flus dovuti lill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar kienux daħlu fil-kont tal-Kunsill. Is-Sindku Raymond Tabone qal li l-Kunsill irċieva l-ammont dovut ta' €117K u €68K rispettivament. L-ewwel ammont kien l-ammont dovut mingħand ir-Reġjun Tramuntana u l-aħħar ammont kien l-ammont dovut tal-PPP.

Huwa kompla jghid li l-ammont dovut mingħand il-korporazzjoni tal-WSC ghandu pendenti.

Il-Kunsilliera Mandy Buhagiar talbet biex tingħata l-iskeda tal-kennies fil-lokalita' u ġie spjegat li l-kuntrattur huwa marbut li jieħu ħsieb inaddaf kullimkien, għaldaqstant m'għandux skeda partikolari ta' toroq. Il-Kunsilliera Buhagiar qalet li minħabba li ser ikun hemm servizz addizjonali ta' kenniesa fix-xhur tas-sajf – kemm il-kuntrattur tagħna kif ukoll dak tal-Gvern ċentrali għandhom jaħdmu flimkien biex ikopru l-lokalita' kollha.

***Skeda tal-ħlasijiet.***
Is-Sindku Raymond Tabone talab jekk hemm xi mistoqsijiet fuq l-iskeda tal-ħlasijiet u peress li kienet giet ċirkulata minn qabel ma' kienx hemm mistoqsijiet. Għaldaqstant kulħadd approva l-iskeda minbarra Anne Fenech u Graziella Galea li astjenew.

**ICT – Preżentazzjoni ta' ċertifikati.** Is-Sindku Raymond Tabone qal li fid-9 ta' Ġunju fis-6.30pm ser issir il-preżentazzjoni taċ-ċertifikati lill-istudenti li lestew b'suċċess il-korsijiet tal-kompjuter li saru fil-Kunsill mill-kumpanija tat-TCTC. Għal din l-okkażjoni ser ikun mistieden l-Onor. S. Bountempo u għaldaqstant il-kunsilliera kollha huma mistiedna jattendu.

**Financial indicators.** Ġew preżentati l-financial indicators li jkopru l-perjodu mill-ewwel tas-sena sal-aħħar ta' Marzu 2014. Ġie innotat li l-Kunsill sa dan il-perjodu kien qiegħed b'126K minn taħt, pero ġie spjegat li l-Kunsill kien irċieva żewg bilanċi li kienu pendenti (tal-Kumitat Tramuntana u tal-PPP).

**Ittra mill-Kumitat tal-Festa Marija Addolorata**. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li l-kumitat tal-festa talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jgħin fil-ħlas tas-sound. Kien hemm qbil unanimu fuq dan ir-rigward.

**Bumping Cars**. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li dak li jarma l-bumping cars ħdejn il-pitch tal-boċċi ġewwa Buġibba gie l-Kunsill u qabel li bi skambju li jingħata permess biex jarma l-bumping cars u fun train żgħira, huwa lest li jagħmel żurżieqa għat-tfal għas-spejjeż tiegħu u tkun bla ħlas. Huwa għandu jħalli strutturi oħra matul iż-żminijiet tax-xitwa wkoll. B'hekk l-istess kuntrattur irid jieħu ħsieb li matul is-sena kollha jkun hemm xi tip ta' bandli u apparat ieħor ta' rikreazzjoni tat-tfal zgħar. Għaldaqstant il-kuntrattur għandu jinforma lill-Kunsill biex ser jarma, kif u fejn ħalli mbagħad jigi ffirmat dan il-ftehim. Jekk dan ma' jseħħx, huwa ma' jingħatax permess għas-sajf li gej.

**Ittra tal-Insurance fil-każ tar-Russa li korriet waqt party fi Fraben**. Is-Sindku Raymond Tabone spjega lill-Kunsill li kienet ġiet ittra mingħand l-avukat tal-insurance li qed teżonora ruħha min kull responsabilta' tal-kaz, minħabba li l-istess insurance mhux dejjem kienet qiegħda tiġi aġġornata bl-andament tal-każ. Is-Sindku spjega lill-Kunsill li dan mhux veru, għax hemm file mimli emails u korrispondenza fuq dan il-każ u għaldaqstant talab lis-segretarju biex jitlob lill-Avukat tal-Kunsill ħalli tintbgħat ittra fuq dan ir-rigward.

**Sleeping police.** Saret talba mis-sidien tal-iskola School of English – li tinsab ħdejn l-exchange tal-Go biex issir sleeping police għax qed isir sewqan bi speed eċċessiv min sewwieqa li jgħaddu minn hemm. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Sindku spjega wkoll li kien għadu kemm sar inċident ikrah fi Triq Parades –kantuniera ma' Church Str u għanda tiġi evalwata l-possibilta' li ssir oħra hemm ukoll.

**Serq fil-lokalita**. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li din l-aħħar gimgħa insterqet skip minn fejn il-Jetty u l-pjanċi li kienu qed jgħattu kanal perikoluż f'tal Veċċ.

**No Objection għall-siġġijiet u mwejjed**. Is-Sindku Raymond Tabone spjega li qegħdin kontinwament nirċievu talba mingħand diversi stabbilimenti biex jitpoġġew siġġijiet u mwejjed quddiem il-ħwienet tagħhom. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill kien qabel li ssir no objection għall-istabbilimenti ta' restaurants u Café's biss u mhux ħwienet ta' natura oħra. Kompla jgħid ukoll li n-No Objection tiġi fis-seħħ biss, diment li jġibu l-perrmessi neċessarji mill-entitajiet kollha. L-istess extension tinqala jekk l-istess stabbiliment jagħmel sena ma' joperax u għalhekk il-Kunsill jirriserva d-dritt li jneħħi din l-istruttura.

**Rapporti u suġġerimenti mill-Kunsilliera.**

***Sindku – Raymond Tabone***

Is-Sindku Raymond Tabone spjega li l-karozza Peougeot tal-Kunsill waslet għall-VRT u peress li kienu għaddew tlettax il-sena minn meta nxtrat, u hemm bżonn ta' service estensiv u bdil ta' roti, kif ukoll spray mill-ġdid sibna li minħabba t-tiswijiet li għandha bżonn ma' jagħmilx sens li l-karozza tissewwa. Billi l-ispejjeż meħtiega jaqbżu l-ammont li ntalab mingħand tal-Peougeot biex tinbidel ma' oħra minflok, is-Sindku talab votazzjoni fuq jekk il-Kunsill għandux jirrangħa jew sempliċiment jibdel il-karozza ma' oħra u jżid l-ammont finanzjarju meħtieġ. Kien hemm qbil unanimu li tinbidel il-karozza.

**Laqgħa fuq l-andament tal-Wardens fil-lokalita'**. Kien hemm il-qbil biex issir laqgħa mall-Kumitat Tramuntana u mall-uffiċjali tal-Wardens ħalli tiġi mistħarrġa l-possibilta' li jitjieb is-servizz li qiegħed jingħata preżentament. Dan fid-dawl li fuq tlitt spezzjonijiet li għamel is-Sindku mas-segretarju eżekuttiv, f'temp ta' siegħa instab li l-ebda kuntrattur li kien qiegħed jaħdem b'xi krejn ma' kellu permess jew warden fuq il-lant tax-xogħol.

**Ħatra ta' Kumitat fuq it-toroq**. Is-Sindku Raymond Tabone qal li wara diversi suġġerimenti rigward kif jistgħu jitjiebu diversi toroq biex jiżdied parkeġġ u jingħataw dehra isbaħ, għandu jinħatar sotto- kumitat biex jevalwa l-aħjar għażla mid-diversi suġġerimenti li ingħatajna mill Perit tal-Kunsill. Għaldaqstant dan il-Kumitat għandu jiddeċiedi fuq Mosta Road u r-roundabout – Mary Doris Zarb. Id-diversi pjanti fuq dawn it-toroq ġew ċirkulati lill-Kunsilliera.

**Direttorju tal-ħwienet u stabbilimenti fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar.** Is-Sindku Raymond Tabone qal li is-Sur David Galea qiegħed jaħdem biex il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar ikollha direttorju elettroniku fuq sit privat, bil-lista tal-ħwienet, lukandi u kull stabbiliment ieħor. Is-Sur David Galea talab lil Kunsill biex jagħti l-kunsens tiegħu ħalli jkun jista' jagħmel dan. Dan ix-xoghol se jkun bla ħlas u bl-ebda mod ma' jinvolvi direttament jew indirettament lill Kunsill. Is-Sindku spjega li l-Kunsill jappoġġja din l-ideja u għandu jagħmel referenza fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill.

**Tender tad-dawl mir-Reġjun Tramuntana**. Wara li ġie spjegat li kien hemm il-ħsieb li r-Reġjun Tramuntana joħroġ tender tad-dawl għan-nom tal-Kunsilli kollha li jaqaw taħt ir-reġjun, is-Sindku Raymond Tabone ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill tagħna diġa għandu s-sistema tiegħu bil-kuntrattur b'kollox u għaldaqstant ma' hemmx lok li toħrog tender oħra għall-istess xogħol. Dan fid-dawl li l-Kunsill ta' San Pawl kien diġa jagħmel użu ta' servizz simili fil-passat u ma' kienx jagħti r-riżultat meħtieg – tant li l-istess kuntrattur kien twaqqaf milli jkompli. Wara diskussjoni qasira fuq dan, is-Sindku talab vot fuq jekk għandux il-Kunsill jissieħeb mar-Reġjun biex toħrog it-tender, kulħadd kien kontra minbarra Graziella Galea u Anne Fenech li astjenew.

***Increment* tal-impjegati.** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li żewġ skrivani – Delcine u Gloria waslu biex jieħdu l-increment li jmiss skond l-iskala rispettiva tagħhom u għaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-Kunsill rigward dan. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

**Jitneħħew l-arbli minn fejn l-Aċċess**. Billi għal diversi drabi s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kien qiegħed jirċievi kontijiet għoljin fuq meter li hemm imwaħħal fil-bitħa tal-Aċċess minħabba diversi arbli li hemm fl-istess bitħa, s-Sindku Raymond Tabone talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex l-istess arbli jinqalgħu ħalli jintużaw x'imkien ieħor skond il-ħtieġa tal-Kunsill. Kulħadd kien favur din id-deċiżjoni minbarra Graziella Galea u Anne Fenech li vvutaw kontra.

**Punti mqajma mill-Kunsilliera**. Graziella Galea – Il-Kunsilliera Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni li l-bozza ta' Ġebel Għazzara twaħlet u mhux qed tixgħel – għaldaqstant talbet biex issir l-applikazzjoni meħtieġa. Kompliet tgħid ukoll li hawn diversi karozzi b'number plates barranin li jipparkjaw f'kantunieri li ma' jingħatawx ċitazzjonijiet. Wara argument mas-Sindku Raymond Tabone, l-Kunsilliera Graziella Galea qamet minn fuq il-mejda tal-Kunsill u ħarġet barra. Minħabba li ma' kienx għad hemm kworum, il-laqgħa ma' setgħetx titkompla u ġiet aġġornata laqgħa oħra nhar il-Ġimgħa 4 ta' Lulju 2014 fil-1730, fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Raymond Tabone
Sindku – Kunsill San Pawl il-Baħar.

Frans Chircop
Seg. Eżekuttiv.-Kunsill San Pawl il-Baħar.